MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 557/2006

Mark Micallef
vs
Kontrollur tad-Dwana

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi b' *seizure note* datata 8 ta' April, 1993 li ggib in-numru 21/93 (annessa mar-rikors bhala Dok 'A'), l-intimat Kontrollur tad-Dwana qabad l-oggetti kollha indikati fil-lista mehmuza ma' l-istess *seizure note* konsistenti f'van ta' l-ghamla 'Ford Transit' bin-numru ta' registrazzjoni C522DHV, *speeboat* tal-marka 'Rinker' mudell 'Captiva 186' u *trailer*.

2. Illi fil-21 ta' April, 1993 kienu gew istitwiti proceduri kriminali kontra r-rikorrent li gie akkuzat talli fit-3 ta' Awissu, 1992 u matul ix-xhur ta' qabel laqa' ghandu

jew xtara *speedboat* tal-marka ‘Rinker’ kompluta bil-karru li kienet misruqa, u li kellu fil-pussess tieghu van ghamla ‘Ford Transit’ bin-numru ta’ registrazzjoni C522DHV, *speedboat* tal-marka ‘Rinker’ mudell ‘Captiva 186’ u *trailer* li d-dazju fuqhom ma kienx imhallas.

3. Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Guridikatura Kriminali fis-17 ta’ Frar, 2000, kif konfermata b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’sentenza moghtija fis-27 ta’ April, 2000 (Appell numru 34/2000), ir-rikorrent kien gie liberat minn dawn l-akkuzi.

4. Illi b’sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta’ Jannar, 2003 fl-ismijiet ‘**Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et**’ (Citazz. Nru. 584/1993GV), l-intimat odjern gie ordnat sabiex jirrilaxxja a favur tar-rikorrent odjern l-oggetti kollha maqbuda bis-*seizure note* numru 21/93, bl-ispejjez kontra l-intimat odjern.

5. Illi l-intimat odjern kien appella minn din is-sentenza izda b’digriet tat-2 ta’ Dicembru, 2005 il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Superjuri) iddikjarat il-kawza dezerta fit-termini tal-artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell intavolat mill-intimat odjern, bl-ispejjez a karigu tieghu.

6. Illi ghalhekk l-ordni tal-Qorti biex l-oggetti hekk maqbuda mill-intimat jigu ritornati lir-rikorrent ghaddiet in gudikat.

7. Illi l-oggetti kollha maqbuda permezz tas-*seizure note* numru 21/93 fuq elenkati ilhom hekk maqbuda mill-intimat ghal dawn l-ahhar tlettax-il (13) sena, u mhux biss saritilhom hsara materjali sostanzjali matul dawn is-snin kif diga irrizulta fil-kors tal-proceduri gudizzjarji indikati f’dan ir-rikors, izda sofrew minn tnaqqis u deprezzament sostanzjali, fil-valur taghhom minhabba d-dekors tas-snin, *essendo* dawn oggetti li l-valur taghhom jiddeprezza b’mod sostanzjali hafna mat-trappas taz-zmien sabiex

b’hekk il-valur attwali huwa wiehed zghir hafna jekk mhux negligibbli.

8. Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 3 ta’ Frar, 2006, ir-rikorrent interpella lill-intimat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha minnu sofferti konsistenti fit-tnaqqis u d-deprezzament fil-valur ta’ l-oggetti fuq imsemmija bhala rizultat tal-fatt illi dawn ilhom maqbuda mill-istess intimat ghall-perjodu ta’ circa tlettax-il (13) sena.

9. Illi l-intimat baqa’ inadempjenti u lanqas biss ipprezenta ebda risposta ghal din l-ittra ufficjali u ghalhekk giet intavolata din il-procedura gudizzjarja.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li l-intimat ikkaguna danni lir-rikorrent bil-qbid ta’ l-oggetti kollha indikati fil-lista mehmuza mas-*seizure note* numru 21/93 datata 8 ta’ April 1993 konsistenti f’van ta’ l-ghamla ‘Ford Transit’ bin-numru ta’ registrazzjoni C522DHV, *speedboat* tal-marka ‘Rinker’ mudell ‘Captiva 186’ u *trailer* (liema *seizure note* diga gie dikjarat b’sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat illi ma setghetx tinhareg) liema danni jikkonsistu fit-tnaqqis sostanzjali fil-valur ta’ dawn l-istess oggetti illi ghandhom jigu rilaxxjati mill-intimat lir-rikorrent skond il-fuq imsemmija sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat.

2. tillikwida dawn id-danni subiti mir-rikorrent okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

3. tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent dik is-somma in linea ta’ danni kif tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Frar, 2006 kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat John Mifsud, Kontrollur tad-Dwana, li biha espona:

1. Illi preliminarjament jinghad li din l-azzjoni mhix proponibbli taht l-artiklu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili izda hija biss proponibbli taht artiklu 469A(5) tal-Kap. 12 u ghaliha necessarjament iridu jkunu applikati l-kriterji li jinstabu fl-istess subartiklu. Fil-ligi Maltija, il-legislatur ipprovda biss azzjoni wahda ghad-danni rizultanti minn ghemil amministrattiv u din hija dik taht l-artiklu 469A tal-Kap 12. Kif jispecifika l-istess rikorrent fir-rikors promutur fil-paragrafu 7, ir-rikorrent qed ifittex lill-intimat ghad-danni allegatament rizultanti minn hrug tan-nota ta' qbid u t-trapass ta' zmien fil-proceduri gudizzjarji. Dan juri li dawn id-danni allegatament irrizultaw minn ghemil amministrattiv liema ghemil il-qrati taghna annullaw fi proceduri separati. Ghalhekk biex din it-talba tkun proponibbli, ma jistghux japplikaw il-kriterji normali ta' kawza ghad-danni kif jidhru fl-artiklu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili izda japplikaw il-kriterji li hemm fl-artiklu 469A (5) tal-Kap. 12.

2. Illi minhabba dak li nghad fl-ewwel paragrafu, din il-Qorti ma tistax issib lill-intimat responsabbli ghad-danni jekk qabel ma tezaminax u ma ssibx li l-intimat agixxa *in mala fede* jew b'xi mod mhux ragonevoli, kif jitlob l-istess subartiklu 469A (5) tal-Kap. 12. Pero` m'hemm l-ebda talba f'dan is-sens fir-rikors promutur.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost jinghad li huwa principju fil-ligi taghna u anke rifless fl-artiklu 1030 tal-Kap 16, li min juza r-rimedji li taghtih il-ligi ma jwegibx ghad-danni. L-intimat uza r-rimedji li taghtih il-ligi pero` kellu ezitu negattiv ghalih. Pero` ezitu negattiv ma jwassalx necessarjament ghal responsabilta` ghal hlas ta' danni. Ezitu negattiv lanqas ifisser li l-proceduri nbdew b'mod abbuziv.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost jinghad li matul il-proceduri kollha civili u kriminali, ir-rikorrent kellu l-opportunita` li jitlob lill-intimat biex

jaghmel manutenzjoni tal-*van*, *speedboat* u *trailer* in kwistjoni, izda dan hu qatt m'ghamilhom. Ghalhekk jirrizulta car li r-rikorrent m'ghamilx l-almu tieghu biex jimminimizza d-danni.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost jinghad li l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 fl-artiklu 72(4) tipprovdi li r-rikorrent seta' jitlob ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda waqt li jiddepozita garanzija minflokhom. Il-fatt li dan ma fittixx dan ir-rimedju li taghtih il-ligi ukoll juri li r-rikorrent m'ghamilx l-almu tieghu biex jimminimizza d-danni.

6. Illi subordinament u mingahjr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta minn allegati danni li sehhew minhabba t-tul tal-proceduri, wiehed irid jara kemm minn dan it-tul fil-proceduri hu dovut lill-agir jew nuqqas ta' azzjoni min-naha tar-rikorrent innifsu.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-intimat talab li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fis-16 ta' Frar 2007 il-Kontrollur tad-Dwana intavola rikors fejn talab li jqajjem eccezzjoni ulterjuri f'din il-kawza, naturalment subordinament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra gja mqajma minnu. Din kienet tghid hekk:
"Illi l-artiklu 68(1) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 jipprovdi li:

‘Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta’ garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib jew fil-garr ta’ oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska, ghandhom jigu kkonfiskati…’

Illi dan il-kaz kien jittratta vann li kien qed jigbed *trailer* b’dghajsa fuqu u t-tliet oggetti kienu suggetti ghall-konfiska taht il-ligi tad-Dwana stante li l-vann u *trailer* kienu ddahhlu Malta b’permess temporanju ta’ importazzjoni li kien skada waqt li l-awtoritajiet kellhom informazzjoni li din id-dghajsa kienet misruqa.

Illi l-Prim’Awla diversament preseduta kienet ordnat ir-rilaxx ta’ dawn l-oggetti wara proceduri ghal dan il-ghan, pero` dawn l-oggetti xorta wahda kienu suggetti ghal konfiska taht l-Ordinanza fis-sens ta’ l-artiklu 68(1).

Ghalhekk japplika ghad-dghajsa in kwistjoni, l-artikolu 68(3) tal-Ordinanza tad-Dwana, li jipprovdi li:
‘M’hemm ebda jedd ta’ azzjoni kontra l-Kontrollur ghal danni kkagunati bil-hlas tad-depozitu jew billi jkun inzamm il-bastiment taht dan l-artiklu.’

Illi ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri li jixtieq iqajjem l-esponent hija fis-sens li l-azzjoni odjerna, in kwantu tikkonsisti in parti fit-talba tar-rikorrent ghal kundanna u hlas ta’ danni rizultanti minn qbid ta’ *speedboat* tal-marka Rinker mudell Captiva 186 mid-Dwana, mhix proponibbli.”

Ghaldaqstant talab li l-Qorti joghgobha tawtorizzah iqajjem din l-eccezzjoni ulterjuri, taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Illi l-attur sostna li skond l-Artikolu 728 (2) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 16), ebda eccezzjoni ma tista’ tinghata f’waqt iehor tal-kawza, sakemm ma jkunx hemm raguni valida ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fir-risposta originali.

Illi fir-rikors tieghu fuq imsemmi, il-konvenut naqas milli jindika r-raguni ghaliex ma qajjimx din l-eccezzjoni fir-risposta tieghu, jew b'xi mod iggustifika dan, u ghalhekk, stante li ma jirrizultax li kien hemm ebda raguni valida ghaliex din l-eccezzjoni ma tqajmitx fir-risposta originali, it-talba sabiex titressaq din l-eccezzjoni ulterjuri, ma tistax tigi akkolta u ghandha tigi michuda.

Issemma li din l-eccezzjoni hija wahda ta' natura strettament legali u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-htiega taghha irrizultat waqt il-kors tal-gbir tal-provi.

Illi din il-Qorti kif presjeduta, fl-24 ta' Jannar 2008 kienet qalet:
"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:
Din hija decizjoni dwar jekk l-intimat Kontrollur tad-Dwana ghandux jigi moghti l-permess li jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri kif imsemmi fir-rikors tas-16 ta' Frar 2007.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 728(1) u (2) u 731 tal-Kap 12 jghidu:
"728**.** (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 731 fil-kawzi li jsiru b'rikors guramentat l-eccezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji.

(2) Ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza, b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jinghataw iktar eccezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta."

"731. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 728 ma jg]hddux ghl dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodici jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghal eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza."

Minn dan johrog car li l-eccezzjonijiet kollha ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata u f'ebda waqt iehor tal-kawza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi jew ma jkunux wahda minn dawk l-eccezzjonijiet li skond il-Kap 12 jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti jew bhala eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza.

L-intimat kontrollur tad-Dwana naqas milli jindika xi raguni valida kif stipulat mil-ligi.  Anqas ma hija wahda li tinkwadra taht xi dispozizzjoni espressa tal-Kodici bhal *lis alibi pendens* (794), eskussjoni (795), preskrizzjoni u ohrajn.  Il-Qorti trid izzomm ukoll quddiem ghajnejha t-talbiet dedotti fit-talba u d-decizjonijiet imsemmija fl-imsemmija talba.

E.   KONKLUZJONIJIET:
Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghal zieda ta' l-eccezzjoni msemmija."

**D.   KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi fid-29 ta' April 2008 Dr. Sciberras Abdilla talbet li jkun hemm decizjoni tal-Qorti dwar l-eccezzjoni preliminari 1 u 2 qabel ma jigi ezaminat il-mertu, u l-Qorti laqghet it-talba, u ghalhekk din id-decizjoni tal-lum hija dwar dawn l-eccezzjonijiet.

***<u>D1.   Improponibilita` ta' l-azzjoni a tenur tal-469A (5):</u>***
Illi l-Avukat Generali sostna li l-improponibilta` ta' din l-azzjoni u tat-talbiet kif inhuma fir-rikors guramentat promutur, u per konsegwenza li l-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar it-talbiet kif dedotti, u dan ghaliex id-danni li allegatament sofra r-rikorrent jirrizultaw minn hrug ta' nota ta' qbid mill-intimat, liema nota ta' qbid kienet annullata permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla li ghaddiet in gudikat. L-Avukat Generali sostna li r-rikors promutur l-ewwel jiddeskrivi l-fatti dwar il-hrug tan-nota ta' qbid u dwar il-proceduri gudizzjarji dwarha.  Imbaghad fit-talbiet jghaddi biex jitlob lill-Qorti ssib lill-esponent responsabbli ghad-danni, tillikwida l-ammont u tkundannah ihallas.  Pero` dawn it-talbiet dwar id-danni huma marbuta direttament mal-hrug tan-nota ta' qbid mill-Kontrollur tad-Dwana, sussegwentement annullata.  Fil-fatt fl-ewwel talba tieghu,

ir-rikorrent ighid: "***prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut ikkaguna danni lir-rikorrent bil-qbid tal-oggetti kollha indikati fil-lista mehmuza…".***

Sostna li l-hrug ta' nota ta' qbid hu regolat mill-Ordinanza tad-Dwana u minn ligijiet ohra doganali, liema ligijiet huma purament ta' natura amministrattiva u fiskali, u ghalhekk, hrug ta' nota ta' qbid jikkostitwixxi ghemil amministrattiv. Illi l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 ma tipprovdix ghal talba ghal danni rizultanti minn tali qbid. Ghalhekk insista li talba ghal danni allegatment rizultanti minn ghemil amministrattiv bhal dik odjerna, hija regolata bl-artiklu 469A tal-Kap 12. Inghad li l-hrug ta' nota ta' qbid tammonta ghal ghemil amministrattiv fis-sens tal-artiklu 469A tal-Kap 12, u tali ghemil jammonta ghal att ***jure imperi***. Dan iwassal ghal li persuna li thossha aggravat b'ghemil amministrattiv u trid titlob danni konsegwenzjali ghal dan l-ghemil, ma tistax taghmel talba normali ghal danni, daqs li kieku l-ghemil dannuz sar minn persuna privata. Il-kawzi kontra l-Gvern huma regolati b'mod preciz u wiehed ma jistax jittrattahom daqs li kieku kienu l-istess bhal kawzi bejn nies privati.

Min-naha tieghu r-rikorrent jsemmi li hu talab li l-Qorti tiddikjara li l-intimat ikkaguna danni lir-rikorrent bil-qbid ta' l-oggetti kollha indikati fil-lista mehmuza mas-*seizure note* numru 21/93 datata 8 ta' April 1993 konsistenti …. (liema *seizure note* diga gie dikjarat b'sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat illi ma setghetx tinhareg) liema danni jikkonsistu fit-tnaqqis sostanzjali fil-valur ta' dawn l-istess oggetti li ghandhom jigu rilaxxjati mill-intimat lir-rikorrent skond 'il fuq imsemmija sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat, tillikwida dawn id-danni subiti mir-rikorrent, u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent dik is-somma in linea ta' danni kif tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Ghalhekk ir-rikorrent sostna li hu mhux qieghed jattakka l-ghemil amministrattiv ghax dak gja dikjarat b'sentenza, izda qieghed purament jitlob dikjarazzjoni li l-intimat ikkawza danni lir-rikorrent bil-qbid ta' l-oggetti kollha

indikati fil-lista mehmuza mas-*seizure note,* u l-konsegwenti likwidazzjoni, u kundanna ghal danni.

Ikkunsidrat li meta wiehed janalizza l-artikolu 469A, fis-subartikolu (1) tieghu isib li dan jipprovdi ghal kompetenza civili biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet hemm imsemmija. Is-subartikolu (2) tieghu jiddefinixxi "eghmil amministrattiv" bhala:
"l-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità".

Hemm ukoll definizzjoni ta' "awtorità pubblika". Jissemma wkoll it-terminu biex jitwaqqa' eghmil amministrattiv, sakemm ma jkunx hemm xi terminu specifikat f'xi ligi ohra. Is-subartikolu (5) tieghu jghid hekk:
"(5) F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet *in mala fede* jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra."

Ikkunsidrat li jekk wiehed joqghod fuq l-interpretazzjoni stretta li qed jaghti l-Avukat Generali r-rikorrent isib it-triq tieghu maghluqa billi skond l-interpretazzjoni ta' l-intimat trid issir il-prova ta' l-agir in *mala fede*, liema prova mhux biss ma saritx izda anqas biss giet allegata. Issa wiehed irid jara x'inhu ezattament l-iskop ta' l-artikolu 469A li fil-fatt huwa l-<u>istharrig</u> gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Jekk wiehed ihares lejn il-lokuzzjoni ta' l-ewwel artikolu jinghad li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi eghmil amministrattiv jew jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li jinsabu

elenkati taht. Is-subartikoli l-ohra jikkomplimentaw dak li inghad fl-artikolu 1 billi jiddefinixxi eghmil amministrattiv u awtorita` pubblika, isemmu it-terminu ghall-istituzzjoni ta' kawza, u jsemmu li f'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni, liema danni m'ghandhomx jinghataw jekk l-awtorita` pubblika ma tkunx imxiet in *mala fede*. Jekk wiehed ihares ukoll lejt it-test Ingliz ta' l-imsemmi artikolu jsib "*may enquire into the validity of any administrative act…*" u dan ghalhekk jaghmilha cara li dan l-artikolu qed jitkellem fuq stharrig ta' l-azzjoni amministrattiva ghalkemm fis-subartikolu (5) jsemmi li "*it shall be lawful for the plaintiff to include in the demand a request for the payment of damages…*".

Issa fil-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob l-istharrig ta' l-eghmila amministrattiv? Fil-fehma tal-Qorti, li dan le u ghalhekk mhix applikabbli l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat f'dan ir-rigward. It-talbiet tar-rikorrent kif delinejati fl-azzjoni huma ohrajn.

***D2. Agir in mala fede:***
It-tieni eccezzjoni ta' l-intimat hija li din il-Qorti ma tistax issib lill-intimat responsabbli ghad-danni jekk qabel ma tezaminax u ma ssibx li l-intimat agixxa *in mala fede* jew b'xi mod mhux ragonevoli, kif jitlob l-istess subartiklu 469A (5) tal-Kap. 12. Pero` m'hemm l-ebda talba f'dan is-sens fir-rikors promutur.

Izda din l-eccezzjoni kienet bazata wkoll fuq dak li inghad fl-ewwel eccezzjoni li minhabba li din l-ewwel eccezzjoni giet michuda tigi issa bla bazi, u ghalhekk qed tigi michuda wkoll.

Il-Qorti taghmilha cara li din id-decizjoni tirrigwarda biss iz-zewg eccezzjonijiet 1 u 2 maghmula bil-mod formali taghhom u m'hi qieghedha b'ebda mod tiddecviedi fuq xi aspett iehor, anke jekk dan gie sollevat waqt it-trattazzjoni jew fin-nota ta' osservazzjonijiet.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghat-12 ta’ Jannar, 2010 fid-9.30 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------